

IL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Ġunju 2009 —
Krcova vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(Kawża T-498/07 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Perijodu ta' prova — Estensjoni tal-perijodu ta' prova — Rapport ta' tmiem il-perijodu ta' prova — Tkeċċija fi tmiem il-perijodu ta' prova — Artikolu 34 tar-Regolamenti tal-Persunal — Obbligu ta' motivazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku”)

(2009/C 233/23)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Erika Krcova (Trnava, is-Slovakja) (rappreżentant: J. Rooy, avukat)

Appellata: Il-Qorti tal-Ġustizzja (rappreżentanti: inizjalment minn M. Schauss, sussegwentament minn A. V. Placco, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla), tat-18 ta' Ottubru 2007, Krcova vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, (F-112/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Erika Krcova għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15.8.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Ġunju 2009 —
Athinaiki Techniki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-94/05) ⁽¹⁾

(“Għajjuna mill-Istat — Ilment — Deċiżjoni li ttemm l-ilment — Rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza wara annullament — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2009/C 233/24)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Athinaiki Techniki AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Triantafyllou, aġent)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Athens Resort Casino AE Symmetochon (Marrousi, il-Greċja) (rappreżentanti: F. Carlin, barrister, u N. Korogiannakis, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Diċembru 2004, li ttemm l-ilment tar-rikorrenti li jirrigwarda allegata għajjuna mill-Istat mogħtija mir-Repubblika Ellenika lill-konsorzju ta' Hyatt Regency fil-kuntest tal-kuntratt pubbliku “Casino Mont Parnès”.

Dispożittiv

(1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.

(2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat i-ispejjeż kollha.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 30.4.2005.